REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1712

tat-13 ta' Novembru 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1013 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4 tiegħu,

Billi:

I. SFOND

(1) Fit-18 ta' Lulju 2018, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1013 ([3]) il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar. L-Afrika t'Isfel kienet koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(2) Madankollu, skont l-Artikolu 33 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (Economic Partnership Agreement - "EPA") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Istati tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (Southern African Development Community - SADC) min-naħa l-oħra ([4]), l-Istati tal-EPA fl-SADC jenħtieġ li jiġu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja meħuda mill-UE skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

(3) Bħalissa, minn fost l-Istati tal-EPA fl-SADC, l-Afrika t'Isfel biss hija soġġetta għal miżuri proviżorji ta' salvagwardja għall-azzar, fuq żewġ kategoriji ta' prodotti, jiġifieri folji u strixxi rrumblati bis-sħana (kategorija tal-prodott 8) u strixxi u folji tal-azzar inossidabbli rrumblati bil-kesħa (kategorija tal-prodott 9).

(4) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) 2018/1013 jiġi emendat sabiex l-Afrika t'Isfel titneħħha mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri proviżorji fuq dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti.

II. ŻIEDA FL-IMPORTAZZJONIJIET

(5) Kif jidher fit-tabelli hawn taħt, l-esklużjoni tal-Afrika t'Isfel mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri proviżorji ma tbiddilx ix-xejriet dinjija tal-importazzjonijiet għaż-żewġ kategoriji ta' prodotti kkonċernati, li għadhom juru żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet.

Kategorija tal-prodott 8	2013	2014	2015	2016	2017
Importazzjonijiet totali (tunnellati)	175 816	233 028	269 697	351 075	436 173
Indiċi (2013 = 100)	*100*	*133*	*153*	*200*	*248*
Minbarra l-Afrika t'Isfel	157 289	214 041	246 965	325 272	407 050
Indiċi (2013 = 100)	*100*	*136*	*157*	*207*	*259*

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 181, 18.7.2018, p. 39).
([4]) ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.

Kategorija tal-prodott 9	2013	2014	2015	2016	2017
Importazzjonijiet totali (tunnellati)	697 457	1 017 613	787 521	843 352	976 108
Indiċi (2013 = 100)	*100*	*146*	*113*	*121*	*140*
Minbarra l-Afrika t'Isfel	645 259	954 614	697 537	751 259	869 549
Indiċi (2013 = 100)	*100*	*148*	*108*	*116*	*135*

(6) Mil-lat ġenerali, l-esklużjoni tal-Afrika t'Isfel ma tbiddilx ukoll l-iżvilupp tal-importazzjonijiet globali minħabba s-sehem żgħir tagħha ta' inqas minn 0,5 % tal-importazzjonijiet globali matul il-perjodu 2013-2017. Għall-istess raġuni, l-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel ma jbiddlux il-konklużjonijiet tal-Premessa (81) tar-Regolament (UE) 2018/1013 dwar l-impatt ta' fatturi oħra fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

III. **LIVELL TA' MIŻURI PROVIŻORJI**

(7) Jenħtieġ li l-Afrika t'Isfel tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti fil-kategoriji 8 u 9, u l-livell tal-kwota jenħtieġ li jiġi aġġustat għal kategoriji ta' prodotti 8 u 9 kif xieraq. L-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel li seħħew kemm ilhom li daħlu fis-seħħ il-miżura ta' salvagwardja proviżorji jenħtieġ li jiġu eskluż retroattivament għall-kalkolu tal-kwota bla dazju għall-bqija tal-perjodu ta' validità tal-miżuri proviżorji.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbiliti skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti 8 u 9 mniżżla fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1013 u li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel ma għandhomx ikunu soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja proviżorji imposti mir-Regolament (UE) 2018/1013. L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1013 fir-rigward tal-kategoriji ta' prodotti 8 u 9 għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"*ANNESS V*

Kwoti tariffarji

Numru tal-Prodott	Numru tal-Ordni	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (tunnellati netti)	Rata tad-dazju addizzjonali
8	09.8508	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Rrumblati bis-Sħana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00	178 865	25 %
9	09.8509	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Rrumblati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80	423 442	25 %"

Artikolu 2

1. L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1013, jenħtieġ li jiġi emendat sa fejn huma kkonċernati l-gruppi ta' prodotti 8 u 9 li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel, sabiex jiġu riflessi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1. L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1013 fir-rigward tal-Afrika t'Isfel għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"*ANNESS IV*

Lista ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw membri tad-WTO li għalihom japplikaw il-miżuri proviżorji (immarkati bl-ittra "x")

Pajjiż/Grupp ta' prodotti	1	2	3	4	5	6	7	8	9	12	13	14	15	16	17	18	20	21	22	23	25	26	28
L-Afrika t'Isfel"																							

2. Il-prodotti li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel li jaqgħu fil-kategoriji ta' prodotti 8 u 9 li kienu importati lejn l-UE wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1013 jenħtieġ li jiġu eskluż mill-kalkolu tal-kwota ta' bla dazju.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER